MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 29/2007

**App Nru 29/07**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Borg**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Borg talli fil-25 ta’ Mejju 2006 ghal habta tal-5.00pm fir-Ramla l-Hamra, Xaghra, Ghawdex:

a) b'ghemil zieni ikkorrompa lill-**C.J.**, persuna ta' anqas minn disa' snin u dan bi ksur tal-Artikolu 203 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq l-imsemmi minuri **C.J.** u dan bi ksur tal-artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

c) fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku u jew espost ghall-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-4 ta' Jannar 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Michael Borg hati skond it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu, izda mhux hati skond l-ewwel imputazzjoni, u kkundannatu ghal piena ta' sena prigunerija sospizi ghal tlett snin skond l-Artikolu 28A tal-Kap. 9, kif ukoll poggiet lill-istess Michael Borg taht ordni ta' supervizjoni ghall-periodu kollu tas-sentenza sospiza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Michael Borg, minnu pprezentat fit-22 ta' Jannar 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza n-nota ta' referenzi ta' l-Avukat Generali tal-11 ta' Mejju 2007; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad li, wara li din il-Qorti ezaminat il-provi kollha, hija tal-fehma li l-incident meritu ta' din il-kawza gie *blown out of proportion* minn kulhadd, l-ewwel u qabel kollox mill-Pulizija Ezekuttiva meta hargu l-imputazzjonijiet kif effettivament harguhom. Il-fatti huma, bazikament, li l-appellant -- li ghakemm kellu ghoxrin sena fil-mument tal-allegati reati, jirrizulta li kellu *"…an age-inappropriate level of cognitive functioning across both the verbal as well as the non-verbal domain"* [1] -- kien qieghed hdejn xatt il-bahar fuq ir-ramel fejn kien hemm xi Inglizi li kellhom maghhom zewgt it-tfal, tifel ta' hames snin u iehor (**C.J.**) ta' wiehed w ghoxrin xahar[2]. Wara li ghadda xi diskors dwar li kien hemm il-bram fil-vicinanzi, omm it-tifel ta' wiehed w ghoxrin xahar giet biex tbiddillu, u hallietu bla hwejjeg. F'dan il-hin dan it-tifel kien mimli ramel, u l-appellant beda jigbed l-attenzjoni ta' omm it-tifel ghall-hafna ramel li kellu fuqu l-istess tifel. Waqt li qed jipponta b'subghajh, l-appellant mess b'subghajh lit-tifel fuq il-parti privata tieghu:

[1] Ara r-rapport tal-ufficjal tal-probation, fol. 53, fejn dan jirrelata mir-rapport tal-*clinical psychologist*.
[2] Ara c-certifikat tat-twelid a fol. 33 tal-attijiet tal-kumpilazzjoni.

> **"…l-imputat ipponta b'subghajh lejn il-parti privata tat-tarbija u rrimarka li kien hemm xi ramel fuq il-parti privata. Din il-mossa rrepetiha bid-differenza pero` illi f'din it-tieni okkazjoni hu mess il-parti privata tat-tarbija. L-imputat ghamel hekk b'subghajh." [3]**

> **"…it-tarbija ma kienet liebsa xejn hlief li kellha x-xugaman madwar[ha], pero` li kien miftuh, u dak il-hin l-imputat…mess il-genitali tat-tarbija. Dan ghamlu permezz ta' subghajh li kien ipponta qabel lejn il-genitali tat-tarbija u li baqa' jipponta lejn il-genitali tat-tarbija…mess il-parti privata tat-tarbija…l-imputat kien irrimarka anke l-ewwel darba dwar ir-ramel li kien [hemm] fuq it-tarbija. L-istess ghamel fit-tieni darba pero` bid-differenza li f'din it-tieni darba huwa mess il-parti genitali tat-tarbija." [4]**

Dan sar fil-presenza ta' omm u missier[5] it-tifel, in-nanna tat-tifel, u ta' kull min kien hemm fil-vicinanzi, fis-sens li ma kien hemm ebda forma ta' habi jew sotterfugji. Ma' dan it-tokkament, omm u n-nanna tat-tarbija warrbu lill-appellant minn hdejhom, u sussegwentement ghamlu rapport fil-Ghassa tal-Pulizija.

L-appellant jilmenta li b'dak li effettivament sehh, ma kienx hemm l-estremi la ta' l-attentat vjolenti ghall-pudur (Art. 207) u l-anqas dawk ta' offiza ghall-pudur jew il-morali b'eghmil li jsir f'lok pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku (Art. 209). B'mod aktar specifiku l-appellant, tramite l-abbili difensuri tieghu, jillanja li *"…hemm differenza kbira bejn taghmel dak l-att innocentement ghax vera qed tindika r-ramel u forsi tmiss biex turi fejn, u taghmel dak l-att bhala abbuz ghal intenzjoni* [recte: b'intenzjoni] *kriminuza."*

L-ewwel qorti, korretement fil-fehma ta' din il-Qorti, illiberat lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni, dik ta' korruzzjoni ta' minorenni. B'ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma jista' jinghad li f'dan il-kaz kien hemm "eghmil zieni" – "lewd act" fit-test ingliz – bis-semplici tokkament fuggesk ghal skopijiet ta' indikazzjoni ta' fejn kien hemm ir-ramel, u anqas jista' jinghad li kien hemm korruzzjoni effettiva – ta' dak il-hin jew li tista' tavvera ruhha wara pero` b'referenza ghal dak il-att – minhabba dak l-att. Ghall-finijiet tal-estremi tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, din il-Qort taghmel referenza ghas-segwenti sentenzi taghha (jew tal-Qorti Kriminali meta din kienet tisma' appelli mill-Qorti tal-Magistrati): **Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud** 8/1/1955; **The**

---

[3] Deposizzjoni ta' Lisa James, fol. 10.
[4] Deposizzjoni ta' Lynette Meilak, fol. 12 u 13.
[5] Missier it-tifel, pero`, qatt ma xehed.

**Police v. Thomas Wiffen** 8/1/1996; **Il-Pulizija v. Andrew Bonnici** 23/1/1998; **Il-Pulizija v. Joseph Micallef** 13/11/1998; **Il-Pulizija v. James Demanuele** 2/10/2000; **Il-Pulizija v. A.B.** 11/5/2005; u **Il-Pulizija v. John Buttigieg** 12/9/2005. Minn din il-liberazzjoni ma hemmx appell da parti tal-prosekuzzjoni.

Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-fatti fid-dawl taz-zewg reati li taghhom l-appellant instab hati – attentat vjolenti ghall-pudur u offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula f'post pubbliku – tajjeb li jigi rilevat li kemm mill-mistoqsijiet li din il-Qorti ghamlet lill-appellant fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2007 kif ukoll mid-deposizzjoni tal-psikologa Denise Borg moghtija, bil-permess specjali tal-Qorti, fl-istess udjenza, huwa palesi li l-appellant ghandu (u kellu fil-mument tal-allegat reat) problemi ta' komunikazzjoni. Mhux biss il-livell intelletwali tieghu huwa ta' tifel ta' bejn l-ghaxra u erbatax-il sena[6], izda dawk il-problemi ta' komunikazzjoni, verbali u ta' xort'ohra, li gew riskontrati fih mill-eta` ta' sentejn wasslu ghal sitwazzjoni fejn l-appellant jiggestikola u juza jdejh hafna aktar minn persuni ohra ta' l-istess eta` proprju biex ikun jista' jikkonumika[7]. Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, huwa ferm aktar milli probabbli – din il-Qorti hija anzi certa – li l-kuntatt li sehh bejn l-appellant u t-tifel kien rizultat ta' l-isforz ta' l-istess appellant biex huwa jipprova jigbed l-attenzjoni ta' omm it-tifel ghar-ramel, abbinat ma' grad gholi ta' ingenwita` (*ingenuousness*) dwar kif seta' jigi interpretat dik l-istess att. Huwa minnu li proprju xi gimghatejn qabel l-incident *de quo* il-genituri ta' l-appellant kienu rriferew lill-istess appellant lil *care worker* tal-fondazzjoni Oasi f'Ghawdex, Dun Manwel Cordina, ghax "kien qed jitkellem b'mod frekwenti b'lingwagg sesswali" (ara fol. 53 tar-rappport ta' l-Ufficjal tal-*Probation*); pero` mis-sessjonijiet li l-appellant kellu ma' l-imsemmi Dun Cordina jirrizulta li l-appellant *"…showed eagerness to learn and demonstrated <u>an innocent and clean attitude towards life in general</u>."* (ara fol. 60, sottolinear ta' din il-Qorti). Ma jirrizulta ebda ness sodisfacenti ta' kawzalita` bejn dak id-diskors li kien qed jippreokkupa lill-genituri ta' l-appellant u l-incident meritu ta' din il-kawza.

Jibqa' l-fatt, pero`, li l-appellant mess lit-tifel jew tarbija fil-parti privata taghha, ghalkemm dejjem fl-isfond u fic-cirkostanzi kif hawn fuq deskritti. Id-differenza bejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolenti ghall-pudur (li jista' wkoll jigi kommess fuq minorenni) giet spjegata minn din il-Qorti fis-sentenza, gja citata, **Il-Pulizija v. Joseph Micallef**, u dan anke b'referenza ghal gurisprudenza precedenti. F'dik is-sentenza nghad, *inter alia*, li:

[6] Ghal dak li hu livell ta' zvilupp socjali, pero`, ix-xhud Denise Borg tqieghed lill-appellant fl-eta` ta' cirka sittax-il sena.

[7] Ara in partikolari d-deposizzjoni ta' Denise Borg a fol. 116.

> **"…l-istess att jista' jammonta biss ghal att leziv tal-pudur ta' dak li jkun jew, jekk ikunu jikkonkorru certi cirkostanzi li jaghmluh hekk, dak l-att ikun att ta' libidini…"**

Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-kuntatt li sehh bejn l-appellant u t-tifel certament ma kienx att ta' libidini, u anqas ma jista' jitqies bhala att leziv tal-pudur tat-tifel – **C.J.** ta' wiehed u ghoxrin xahar. In fatti anqas biss hemm l-icken indikazzjoni li dan it-tifel induna bil-kuntatt fuggesk li sehh. Konsegwentement f'dan il-kaz ma jistax jikkonfigura r-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni.

Kwantu ghar-reat konsistenti f'att leziv tal-pudur jew tal-morali maghmul f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku (Art. 209), il-fatti jridu jigu ezaminati anke fid-dawl tar-reat (kontravvenzjoni) kompriz u involut fl-imsemmi Artikolu 209, cioe` l-kontravvenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338(bb) tal-Kodici Kriminali – *"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min…b'xi mod iehor mhux provdut f'dan il-Kodici, joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika…"*. Din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha l-opportunita` li tezamina d-differenza bejn id-delitt kontemplat fl-Artikolu 209 u l-kontravvenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338(bb) fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Caruana**. F'dik is-sentenza gie osservat li l-ligi taghna, fl-Artikolu 209, evitat l-ispecifikazzjoni ta' attijiet ta' libidini jew impudici jew oxxeni, u kkuntentat bil-lokuzzjoni ta' att li "joffendi l-pudur jew il-morali". Ghalhekk huwa bizzejjed ghall-finijiet ta' dan ir-reat li l-att ikun tali li joffendi s-sens ta' decenza <u>fi grad tali</u> li wiehed jista' jghid li jnissel, jew jista' jnissel, *"un senso di disagio, disgusto o ripulsione."* L-element intenzjonali hu sodisfatt jekk l-att offensiv tad-decenza <u>fil-grad imsemmi</u> jkun volontarju, bla ma hu mehtieg id-dolo specifiku, cioe` l-intenzjoni specifika li wiehed joffendi. Id-differenza, imbaghad, bejn id-delitt taht l-Artikolu 209 u l-kontravvenzjoni taht l-Artikolu 338(bb) hija wahda ta' grad, b'wiehed mill-kriterji ta' distinzjoni li gew suggeriti jkun dak ta' jekk l-att fih innifsu jkunx wiehed li intrinsikament joffendi d-decenza u jkun maghmul deliberatament sabiex min jaghmlu jaghti sfog ghall-volji laxxivi tieghu jew ta' haddiehor, jew jekk ikunx l-effett ta' zbadatezza jew ta' non-kuranza jew ta' nuqqas ta' rigward[8]. Pero` taht iz-zewg disposizzjonijiet irid ikollok ghall-anqas, u bhala minimu, offiza ghad-decenza pubblika. Id-decenza pubblika giet definita bhala *"quel minimo di convenienza e di decoro che deve presiedere nei rapporti fra i consociati, secondo il grado di civilta` di un popolo in un determinato momento storico."* [9] Ghall-finijiet tal-kuncett ta' decenza pubblika, bhalma anke fil-kaz tal-*pudore pubblico*, wiehed irid izomm bilanc biex jevita eccessi minn naha u traskuragni (fis-sens li kollox ikun jghaddi) min-naha l-ohra:

---

[8] Ara f'dan is-sens ukoll, **Il-Pulizija v. Kevin Pepe** App. Krim. 11/7/1995.

[9] Ara Antolisei, F. **Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I** Giuffre` ed. (Milano), 1986, p. 457.

> **"Il pudore tutelato dalla legge e certamente quello *altrui*, e cioe` delle persone che possono venire a conoscenza delle manifestazioni impudiche. In questo senso si parla di *pudore pubblico*, il che puo` ammettersi, purche` resti ben chiaro che non si tratta di un sentimento della collettivita`, diverso da quello degli individui che la compongono, bensi` del sentimento dei singoli, considerato in quanto ad essi e` comune. Che questo sia la portata del pudore protetto dalla legge e` reso manifesto dalla definizione sopra riferita, nella quale si fa riferimento al 'comune sentimento'. Se ne deduce l'importante conseguenza che il concetto di pudore, e correlativamente quello di oscenita`, non va determinato in rapporto alla sensibilita` dei singoli eventualmente offesi, sensibilita` che puo` essere ed e` diversissima, ma in base al sentimento *medio* del popolo in un determinato momento storico. Adottando questo criterio, il legislatore…ha voluto evitare ogni eccesso di persecuzione ispirantesi alle *pruderie* (ossia ad un puritanismo tanto esagerato qunato ipocrita) e proteggere 'la sensibilita` etica dei consociati, secondo una equilibrata concezione della vita umana e sociale'."** [10]

Mill-kumpless tal-provi din il Qorti ma tista' tirravviza ebda offiza ghad-decenza pubblika fl-eghmil ta' l-appellant, wisq anqas ghalhekk xi offiza ghall-pudur. Dak li ghamel kien, evidentement u kif diga` nghad, skonsiljat; galadarba huwa ma kien b'ebda mod responsabbli mit-tifel, u anqas kien hemm xi perikolu ghat-tifel, huwa ma kellu b'ebda mod jindahal kemm kellu ramel jew fejn kellu r-ramel l-istess tifel. Wiehed jista' jifhem ukoll il-preokkupazzjoni tal-prenituri tat-tifel li xi hadd, barrani li hadd ma jaghfu, imiss lit-tifel, anke li kieku it-tokkament kien f'xi parti ohra ta' gismu; bhalma wiehed jista' jifhem ukoll il-preokkupazzjoni taghhom li l-appellant seta kien xi persuna perikoluza ghat-tfal. Pero` altru tali preokkupazzjoni, fiha nnifisha legittima, u altru wiehed jitkellem dwar reat (delitt jew kontravvenzjoni li jkun) fejn wiehed irid jassigura ruhhu li hemm l-estremi ta' dak ir-reat. Anqas ma tista' din il-Qorti tistrieh fuq xi forma ta' suppost "ammissjoni" da parti ta' l-appellant, tenut kont ta' grad ferm baxx ta' kapacita` komunikattiva tieghu. Il-mistoqsija maghmula lilu waqt l-interrogatorju ("Jekk nghidlek illi inti mort biex taparsi tfarfar ir-ramel minn fuq zaqq it-tifel u minflok missejt il-parti privata ta' dan it-tifel, dan veru?") – u li ghaliha huwa wieheb "Iva" – kienet fic-cirkostanzi wahda kapzjuza.

Ghalhekk l-appell jimmerita li jigi akkolt. Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u filwaqt li tkkonferma s-sentenza appellata in kwantu din illiberat lill-imsemmi Michael Borg mill-ewwel imputazzjoni, thassarha u tirrevokaha fil-bqija – cioe` fir-rigward ta' l-

[10] Antolisei, F. *op.cit.* p. 455 – sottolinear ta' din il-Qorti.

imputazzjonijiet l-ohra – b’mod ghalhekk li tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------